# “TIBŻAX; MINN ISSA ‘L QUDDIEM TKUN TAQBAD IN-NIES” (LQ 5:10)

“Tibżax; minn issa ‘l quddiem tkun taqbad in-nies” (Lq 5, 10) hija l-Kelma ta’ Ġesù li ġiet magħżula biex tagħmel parti mill-pedament li fuqu sserraħ u tkompli tinbena l-formazzjoni li qed tingħata bħalissa lis-seminaristi. Din is-sena tlabna liċ-Ċentru għall-Arti Liturġika - Eikon - ta’ Għawdex sabiex ispirati minn din il-Kelma ta’ Ġesù tinkiteb (ipitter) xbieha sagra, li waqt iċ-Ċelebrazzjoni tat-Tħabbira tal-Avvent 2025 tpoġġiet fil-kappella tas-Seminarju, u ser tinżamm hemm matul is-sena kollha ta’ formazzjoni. L-istil tax-xbieha sagra għandu minn dak tal-ikonografija Biżantina b’retorika kontemporanja.

Għalkemm din il-Kelma ta’ Ġesù hija fis-singular, u bħal donnha hija indirizzata lil Pietru, il-kuntest li fiha tingħad hija s-sejħa tal-ewwel dixxipli. F’dan ix-xenarju, l-istedina għal sajd ġdid, dak tan-nies u mhux tal-ħut, tikseb tifsira aktar wiesgħa. Is-sejħa ssir iva lil individwu imma mhix esklussiva għalih. L-ebda sejħa ta’ Alla ma teskludi jew tinjora d-dimensjoni komunitarja. Kien għalhekk li fix-xbieha sagra, l-appostli jidhru mgeddsin ma’ xulxin fid-dgħajsa, qishom għanqud jew rummien. Dan id-dettal irid ifisser kif is-sajd, jiġifieri kull tip ta’ ħidma pastorali, ma tistax tkun frott ħidma esklussiva tal-individwu imma huwa vitali li warajha jkun hemm komunità - il-Knisja. Diversi stejjer juru kif meta xi tip ta’ ħidma pastorali tibda u tinbena biss fuq l-individwu jew il-kariżmi tiegħu, tali ħidma sa mill-bidunett tagħha hija kkundannata biex illum jew għada tegħreq ma’ dak li jkun.

Il-ħidma pastorali ta’ flimkien għandha diversi sfaċċettaturi, jiġifieri hija ta’ diversi forom, ħiliet u suriet; fil-fatt fix-xbieha hemm min qed jiġbed ix-xbiek u hemm min qed jaqdef. Mhux kulħadd huwa msejjaħ biex jagħmel l-istess ħaġa. Għalkemm is-sajda tibqa’ waħda, il-ħidma li biha issir hija svarjata. Is-sajda taħdem bl-istess mod li bih taħdem il-Knisja, li kif jgħid San Pawl, qisha ġisem wieħed magħmul minn diversi membri (ara 1Kor 12, 12-31).

Fir-Rit tal-Ordinazzjoni Sagra, l-Isqof jinqeda bi kliem San Pawl (ara Fil 1, 6) u lill-ordinand ifakkru li, “Alla, li beda din l-opra tajba fik, iwassalha għat-tmiem.” Kull sejħa taf il-bidu tagħha lil Alla u tiżviluppa fil-Knisja. Dak li jsejjaħ jinsab fid-dgħajsa mal-appostli, “U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien” (Mt 28, 20b). Il-preżenza ta’ Ġesù fil-poppa hija rassikuranti l-aktar f’dawk il-mumenti ta’ biżgħat, dubji u nuqqas ta’ fidi li jitfaċċaw meta jqum xi riefnu kbir u l-mewġ jhedded lid-dgħajsa. Ġesù, wara r-raqda li ħa fuq imħadda jiġi mqajjem darba għal dejjem biex għall-ordni tiegħu, “Iskot! Biżżejjed!” kull tip ta’ riħ jieqaf u taqa’ kalma kbira (ara Mk 4, 35-40). Il-qagħda tiegħu hija dik tipika tal-Imgħallem, bilqiegħda bir-romblu f’idejh, dettal ispirat mill-ktieb tal-Apokalissi (5, 2), filwaqt li jagħti l-istruzzjonijiet għas-sajd, “Aqdef ’il barra fil-fond, u kalaw ix-xbiek tagħkom għas-sajd” (Lq 5, 4); “Waddbu x-xibka n-naħa tal-lemin tad-dgħajsa u ssibu” (Ġw 21, 6). Dan ikompli juri kemm wara din is-sajda għan-nies m’hemmx biss l-għemil tal-bnedmin imma fuq dak ta’ Alla. Huwa Alla li jiġbed il-ħut mill-baħar għal ġox-xibka, “Ħadd ma jista’ jiġi għandi jekk il-Missier li bagħatni ma jiġbdux lejja; u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum” (Ġw 6, 44a). Fil-fatt fix-xbieha hemm dettall kważi komiku, għaliex mhux ix-xibka qed taqbad il-ħut imma huma l-ħut li minn jeddhom bħal donnhom qed jintefgħu għal ġox-xibka tas-saltna ta’ Alla (ara Mt 1, 47-50). Hekk taħdem l-opra ta’ Alla f’kuntrast għal mal-iljieli sħaħ ta’ taħbit u mingħajr ħut fix-xbiek (ara Lq 5, 5).



Ix-xbieha sagra għandha diversi elementi li forsi mad-daqqa ta’ għajn jidhru strambi imma li fir-realtà ħafna minnhom jagħmlu parti minn kriterji ikonografiċi. Wieħed mill-prinċipji li nżamm f’din ix-xbieha sagra kien dak li ma jintużawx elementi ta’ perspettiva. Ix-xena tad-dgħajsa fil-baħar hija mneżża’ għal kollox minn kull fond, dan għaliex mhijiex ġrajja li tmur lura fiż-żmien u tieqaf hemm. Id-dehra tal-ġrajja hija ċatta, bħal donnha kollox huwa fuq quddiem, biex tingħata aktar dimensjoni u preżenza attwali.

Il-kappella tas-Seminarju tkun miftuħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7.30am u 12.30pm għat-talb privat, b’xi eċċezzjonijiet. Jekk tinzerta tgħaddi titlob u tara din ix-xbieha sagra esposta fil-ġenb tal-presbiterju, ftakar li aktar milli se tara xi biċċa opra ta’ arti, ix-xbieha hija l-istess Kelma ta’ Alla miktuba b’kuluri u forom. Mhijiex xbieha li tgħodd għalina biss, anzi it-tama tagħna hi, li bħalma qed tgħin lilna fis-Seminarju tgħin u tkellem ukoll lil dawk kollha li wara li jħarsu lejha jikkontemplaw fiha l-opra ta’ Alla f’ħajjithom.

Dun Joseph Bajada
Rettur

**IL-KOMUNITÁ TAS-SEMINARJU**
tawgura
*Il-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi
kollha tagħna

sem&u
Diċembru 2025
Ħarġa nru 31

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta’ Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex   2155 6479
rector.seminary@churchingozo.mt
www.sacredheartseminary.org.mt

## ESPERJENZA TA’ TAMA; OASI

Diversi persuni jibqgħu mistagħġba, kif f’dinja ċivilizzata bħal tagħna, għadu jeżisti l-iskjavitù, li kulma jmur qiegħed dejjem jiżdied. Għalkemm il-jasar m’għadux jidher, taħt il-forom ta’ ktajjen tqal, fid-dinja moderna tagħna, inħolqu forom ġodda ta’ jasar, magħrufin bħala l-vizzji.

Matul dan is-sajf kelli x-xorti li nagħmel esperjenza ġewwa ċ-ċentru ta’ riabilitazzjoni tal-Fondazzjoni Oasi, li fih issir ħidma ma’ persuni b’dipendenzi fuq l-alkoħol u sustanzi oħra. Matul dawn it-tliet ġimgħat flimkien ma’ dawn il-persuni, imxejt parti mill-programm tagħhom, li permezz tiegħu jippruvaw jiffurmaw mill-ġdid ħajja fejn l-individwu ma jibqax aktar dipendenti fuq is-sustanzi. Diversi rakkonti kienu jixhdu li d-droga u l-alkoħol, jieħdu l-kontroll tal-ħajja, mill-iktar affarijiet bażiċi sal-aktar affarijiet li tkun tħobb tagħmel. Il-preżenza tiegħi fosthom, għallmitni dwar is-sitwazzjoni li jinsab fiha pajjiżna, fejn diversi persuni ta’ kuljum jinqabdu f’din ix-xibka, sa minn età żgħira u li ħafna drabi ma jsibux l-appoġġ u l-imħabba, tant bżonnjużi. Ix-xogħol li jsir f’dawn iċ-ċentri, jgħinhom jiksbu mill-ġdid indipendenza fuq ħajjithom.

Irrealizzajt, li huwa ħafna faċli għalina lkoll, li l-ewwel reazzjoni tagħna quddiem dawn il-persuni tkun waħda ta’ ġudizzju. Nistgħu nsibu elf raġuni għala jiġri dan kollu, ħafna drabi bil-konsegwenza li ninsew li wara kull ġrajja, hemm persuna tad-demm u l-laħam li qed tbati. Huwa faċli, li filwaqt li nippuntaw lejn dak li naħsbu li hu s-sors tal-problema, ninsew li aħna wkoll nistgħu nagħmlu l-isforz tagħna biex intaffu minn din il-pjaga. Matul din is-sena qed issirilna sejħa speċjali li nkunu missjunarji tat-tama. Żgur li ħafna minna mhux ser ikollna x-xorti li nkunu missjunarji fl-Afrika jew fl-Asja, imma aħna msejħin li nkunu missjunarji hawn, fi gżiritna! U dan hu ċertament faqar kbir li aħna mdawrin bih, iżda li mingħajr il-qatra tagħna, l-oċean jaf ikun ferm differenti.

Il-Papa Ljun XIV, f’dawn l-aħħar ġimgħat, indirizza hu wkoll il-problema tal-vizzji, li jaraha bħala riżultat dirett ta’ “dinja bla tama.” Ilkoll imsejħa li nwasslu b’mod konkret il-messaġġ ta’ tama, u ħelsien li ġie jħabbar Ġesù. Il-Papa jħeġġiġna biex noħolqu kultura li tmur kontra l-‘jien’ fiċ-ċentru u l-loġika utilitarja u ekonomika ta’ żminijietna, u nippromwovu komunità li taħseb fl-oħrajn, tismagħhom, u ssegwihom f’vjaġġ ta’ laqgħa, speċjalment ma’ dawk vulnerabbli u fraġli fosthom, iż-żgħażagħ. Huwa meħtieġ, jkompli l-Papa, “li nikkontribwixxu dejjem aktar, għal xogħol ta’ prevenzjoni li jittraduċi ruħu f’azzjoni konkreta mill-komunità kollha kemm hi.” Ilkoll kemm aħna ninsabu msejħa biex nagħrfu f’dawk li jinsabu f’diffikultà, għajta għall-għajnuna u għatx profond għall-ħajja, u nkunu dejjem lesti li noffru preżenza ta’ attenzjoni, maħfra u mħabba.

Mark Attard

MISSIONARIES OF HOPE
among all peoples

## UĊUĦ LI DIFFIĊLI NINSA ESPERJENZA MISSJUNARJA FIĊ-ĊILI

Is-sajf li għadda kelli x-xorti li nagħmel waħda mill-isbaħ esperjenzi ta’ ħajti ġewwa l-belt ta’ Antofagasta fiċ-Ċili. Iċ-Ċili huwa wieħed mill-pajjiżi tal-Amerika t’Isfel, pajjiż pjuttost żviluppat, imma fih ukoll ħafna forom ta’ faqar speċjalment fost il-ħafna komunitajiet ta’ migranti li wieħed isib f’dan il-pajjiż. Kien proprju mal-komunitajiet ta’ migranti li jgħixu fiż-żona l-iktar fqira tal-belt ta’ Antofagasta li jien għamilt l-esperjenza tas-sajf li għadda.

Wasalt iċ-Ċili f’nofs Lulju u għamilt hemm sa nofs Awwissu, xahar sħiħ. Kont noqgħod ma’ komunità ta’ patrijiet Ġiżwiti. Fost il-ħafna xogħol li kienu jwettqu l-Ġiżwiti kellhom f’idejhom il-kura pastorali tal-Parroquia de los Campamentos. Din hi parroċċa mhux territorjali li twaqqfet fl-2015 bil-għan li tieħu ħsieb il-kura ta’ dawk li jgħixu fil-campamentos (slum areas) tal-belt ta’ Antofagasta, li ħafna minnhom huma migranti minn diversi pajjiżi ġirien bħall-Peru, Bolivja, Kolombja u Venezwela. Is-sitwazzjoni ta’ dawn il-migranti hi waħda



diffiċli għaliex wara li jkunu ħallew pajjiżhom minħabba xi sitwazzjoni ta' faqar jew vjolenza, jaslu fiċ-Ċili ta' fuqhom senduqhom u jkollhom jibdew ħajjithom mill-ġdid bit-tama ta' futur aħjar. L-ewwel 15 jew 20 sena, u xi drabi anke aktar, jgħadduhom fil-campamentos, jgħixu ġo djar tal-injam, jew aħjar kmamar tal-injam, kulħadd fuq xulxin, xi drabi mingħajr dawl u ilma, u f'kundizzjonijiet perikolużi għas-saħħa fiżika u mentali, speċjalment tat-tfal, u fejn ħafna drabi tirrenja l-liġi tal-ġungla.

Mal-patrijiet Ġiżwiti konna nduru dawn il-campamentos biex norganizzaw il-katekiżmu ta' dawk li jixtiequ jirċievu s-sagramenti, kemm tfal kif ukoll adulti. Ħafna drabi konna mmorru nħabbtu bieb bieb biex nistiednu lill-familji ħalli jattendu għall-quddiesa u għall-katekiżmu. Ma kienx jonqos li meta niltaqgħu ma' xi sitwazzjonijiet diffiċli konna naraw kif nistgħu nagħtu daqqa t'id. Niftakar darba sibna żewġt itfal imfarfrin, la jafu jiktbu u lanqas jaqraw għax ma jmorrux skola, u meta staqsejniehom għal ommhom qalulna li ma tistax tiġi tkellemna "għax illum fis-sakra". X'għafsa ta' qalb!

Diffiċli ninsa l-wiċċ ta' dawk it-tfal u tant persuni oħrajn li ltqajt magħhom. Fihom iltqajt ma' Ġesù filwaqt li flimkien mal-patrijiet Ġiżwiti pruvajt inwasslilhom lil Ġesù. Din hi l-vera esperjenza missjunarja: meta nwasslu lil Ġesù għand xulxin, speċjalment lil dawk l-aktar "imbegħdin" (f'kull sens), u fihom aħna wkoll niltaqgħu ma' Ġesù.

*Fabio Cini*

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2025, saret quddiesa ta' radd il-ħajr minn Dun Tony Calleja SJ li għal dawn l-aħħar snin kien id-direttur spiritwali tas-seminaristi. Wara kien hemm pranzu flimkien miegħu biex nirringrazzjawh tal-ħidma tiegħu magħna.





Nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2025, il-komunità tas-Seminarju tat bidu għal sena oħra ta' formazzjoni permezz tal-irtir tal-bidu tas-sena. Dan sar ġewwa *Lourdes Home* f'Għajnsielem. L-irtir kien immexxi mill-Kan. Joseph Curmi, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex. It-tema ta' dan l-irtir kienet ispirata mill-vers ta' *Lq 5,10* "Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies".

Nhar it-Tnejn 29 ta' Settembru 2025, sar il-ftuħ uffiċjali tas-sena formattiva 2025-2026 permezz ta' laqgħa mill-Prefett tal-Istudji, u wara, quddiesa mmexxija mill-Vigarju Episkopali Mons Giovanni Curmi, li għaliha kienu preżenti wkoll il-familjari tas-seminaristi.



Bejn nhar it-Tnejn 13 u nhar s-Sibt 18 ta' Ottubru 2025 ġiet iċċelebrata l-Ġimgħa Missjunarja ġewwa s-Seminarju, fl-okkażjoni ta' Jum il-Missjoni, li ħabat nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru. It-tema kienet meħuda mid-diskors ta' Papa Ljun XIV li tkellem minn "missjunarji tat-tama". Is-seminaristi ltaqgħu mal-istudenti tal-iskola sekondarja tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, fejn wasslulhom messaġġ dwar din it-tema. Matul din il-ġimgħa s-seminaristi segwew il-film *Of Gods and Men*. It-talb u l-intenzjonijiet tal-komunità tas-Seminarju matul din il-ġimgħa kienu speċifikament għall-Insara ppersegwitati madwar id-dinja. Saret *video call* ma' Patri Damien Veliyil OFM Conv., li qed jaqdi l-missjoni tiegħu f'San Pawl il-Baħar Malta. Matulha qasam l-esperjenza missjunarja tiegħu b'mod partikolari mal-komunità Indjana f'Malta. Tkellem ukoll dwar l-istat tal-Insara ġewwa l-Indja.

Nhar it-Tlieta 4 ta' Novembru 2025, festa ta' San Karlu Borromeo, is-Seminarju fakkar il-159 anniversarju mill-ftuħ tiegħu. Dan kien ġie mfakkar xi ġranet qabel, nhar il-Ġimgħa 31 t' Ottubru permezz ta' quddiesa mill-Isqof Mons. Anton Teuma fis-Seminarju Minuri flimkien mal-istudenti ta' din l-iskola.

Nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2025, saret ukoll l-ikla ta' San Martin ġewwa s-Seminarju, b'attendenza sabiħa ħafna.

Bi preparazzjoni għall-bidu tal-mixja tal-Avvent, il-komunità tas-Seminarju ċċelebrat it-Tħabbira tal-Avvent nhar is-Sibt 29 ta' Novembru 2025. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni ġiet imbierka wkoll l-ikona ta' din is-sena.
Nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru 2025, is-seminaristi Anthony Joe Borg u Fabio Cini ġew mogħtija l-Ministeru tal-Akkolitat mill-Isqof Mons. Anton Teuma ġewwa l-Bażilika tat-Twelid tal-Verġni Marija, fix-Xagħra.



Nhar il-Ħamis 4 ta' Diċembru 2025, il-komunità tas-Seminarju organizzat outreach fis-Sixth Form fejn is-seminaristi żaru l-klassijiet u tkellmu mal-istudenti u wara qattgħu xi ħin fl-iskola fejn setgħu jitkellmu mal-istudenti. Filgħaxija, saret attività b'rabta ma' żmien il-Milied għall-abbatini u l-gruppi tal-vokazzjonijiet ġewwa s-Seminarju minn year 7 'il fuq. It-tema ta' din il-laqgħa kienet "... u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba."

Bejn l-Erbgħa 10 u s-Sibt 13 ta' Diċembru 2025, ġie organizzat *live-in* għall-istudenti tal-grupp tal-vokazzjonijiet 16+ fis-Seminarju. Dawn l-istudenti kellhom l-opportunità li jduqu l-programm tas-Seminarju u jaraw mill-qrib x'tikkonsisti l-ħajja ta' seminarista flimkien ma' diversi attivitajiet oħra.



Matul il-jiem tan-novena, is-seminaristi qasmu ħsieb marbut mal-Ewkaristija b'rabta mal-vjaġġi ta' tama fil-ġrajja tal-Inkarnazzjoni, waqt il-quddiesa ta' filgħodu, bi tħejjija għall-festa tal-Milied. Nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2025, kellna ċ-ċena tal-Milied bħala komunità u mbagħad komplejna naqsmu l-ferħ tal-Milied flimkien nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025, fejn il-komunità tas-Seminarju qasmu l-awgurji tal-Milied u taw ir-rigali lil xulxin.

Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2025, l-E.T. Mons. Anton Teuma mexxa quddiesa flimkien mal-komunità tas-Seminarju u li għaliha kienu mistednin ukoll il-familjari tas-seminaristi, għaqda "Aħwa Ħbieb tas-Seminarju", ħaddiema u voluntiera. Wara l-quddiesa s-seminaristi taw bidu għall-vaganzi tal-Milied.

## *Grazzi u Merħba*

Il-komunità tagħna tixtieq trodd ħajr lil **Dun Tony Calleja SJ** li matul dawn l-aħħar ħames snin ta s-servizz tiegħu bħala Direttur Spiritwali tas-seminaristi. Il-Komunità tagħna tagħti merħba lil **Dun Joseph Farrugia** li ġie maħtur minn Mons. Isqof bħala Direttur Spiritwali.

Nagħtu merħba ukoll lis-seminarista **Andrea Cauchi** mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar, li qed jibda l-ewwel sena fis-Seminarju.

Nirringrazzjaw ukoll lis-Sur **Ġużeppi Bezzina** tax-xogħol u d-dedikazzjoni tiegħu tul dawn l-aħħar snin. Fl-istess waqt nifirħu lis-Sur **Michael Portelli,** lis-**Sur Joseph Galea** u lis-Sa **Angel Bajada** fil-bidu tal-ħidma tagħhom fis-Seminarju.